

## KONKLUŻJONIJET TA' L-AVUKAT ĠENERALI

### TRSTENJAK

ippreżentati fis-27 ta' Frar 2007<sup>1</sup>

#### I — Introduzzjoni

1. Fit-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Hovrätten för Övre Norrland (il-Qorti ta' l-Appell ta' Övre Norrland) (l-Iżvezja) qed tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja erba' domandi dwar l-interpretazzjoni ta' l-Artikoli 7(4) u 9(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE, tal-25 ta' Frar 1992, dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti<sup>2</sup>, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/108/KEE, ta' l-14 ta' Diċembru 1992<sup>3</sup> (iktar 'il quddiem id-“Direttiva”).

2. F. Granberg qed jiġi mfittex għaliex kien daħħal fl-Iżvezja, fi tliet reċipjenti installati fuq wara ta' vann, 3 000 litru żejt għat-tisħin mill-Finlandja ddestinat għall-użu personali mingħajr ma ħa in kunsiderazzjoni l-eżiġenzi

fformulati mid-dritt Żvediż intiżi li jassiguraw il-ħlas tas-sisa fl-Iżvezja.

#### II — Id-dritt Komunitarju applikabbli

3. Il-ħames sas-seba' premessi tad-direttiva jiddisponu:

“Billi kull tqassim, bil-għan li tqassim jew provvista għall-skopijiet ta' negozjant li jwettaq indipendentement attivita ekonomika jew għall-għanijiet ta' korp regolat bil-liġi pubblika, li jseħħ fi Stat membru li ma jkunx dak li fih il-prodott jkun irrilaxxat għall-konsum jagħti lok għad-dritt tal-ħlas tad-dazju tas-sisa f'dak l-Istat Membru l-ieħor;

Billi fil-każ ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa akkwistati minn individwi privati għall-użu proprju tagħhom u trasportati minnhom, id-dazju għandu jitħallas fil-pajjiż fejn kienu;

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU L 76, p. 1.

3 — ĠU L 390, p. 124.

Billi biex jiġi stabbilit li l-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa ma jinżammux għal għanijiet privati iżda għal dawk kummerċjali, l-Istati Membri għandhom jagħtu każ ta' numru ta' kriterji”.

4. Skond l-Artikolu 7 tad-direttiva:

“1. Fil-każ ta' prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u ġa rrilaxxati għall-konsum fi Stat Membru wieħed waqt li jkun miżmuma għal għanijiet kummerċjali fi Stat Membru ieħor, id-dazju tas-sisa għandu jiġi mpost fl-Istat Membru li fih ikunu miżmuma dawk il-prodotti.

[...]

4. Il-prodotti riferiti fil-paragrafu 1 għandhom jiċċaqalqu bejn it-territorji ta' l-Istati Membri varji taħt il-kopertura ta' dokument mehmuż li jelenka t-tagħrif prinċipali mid-dokument riferit fl-Artikolu 18(1). Il-forma u l-kontenut ta' dan id-dokument għandhom jiġu stabbiliti skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 24 ta' din id-Direttiva.

[...]

5. L-Artikolu 8 tad-direttiva jipprevedi:

“Fir-rigward ta' prodotti akkwistati minn individwi privati għall-użu proprju tagħhom u trasportati minnhom, il-prinċipju li jirregola s-suq intern jipprovdi li d-dazju tas-sisa għandu jkun dovut fl-Istat membru li fih ikunu ġew akkwistati.”

6. L-Artikolu 9(3) ta' l-imsemmija direttiva jiddisponi:

“L-Istati Membri jistgħu wkoll jipprovdu li d-dazju tas-sisa għandu jsir dovut fl-Istat membru ta' konsum fuq l-akkwist ta' żjut għat-tisħin ġa rrilaxxati għall-konsum fi Stat membru ieħor jekk dawk il-prodotti jiġu trasportati b'modi ta' mezzi ta' trasport atipiċi minn individwi privati jew għan-nom tagħhom. Trasport atipiku għandu jfisser it-trasport ta' karburanti barra minn f'tankijiet ta' vetturi jew f'kontenituri addattati ta' riżerva ta' karburanti u t-trasport ta' prodotti likwidi għat-tisħin barra mill-mezz ta' tankers użati għan-nom ta' negozjanti professjonali.”

### III — Id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt Żvediż

7. L-Artikolu 1, Kapitolu 4 tal-liġi dwar it-taxxa ta' l-enerġija (iktar 'il quddiem il-“LSE”) jipprevedi:

“hija suġġetta għat-taxxa fuq l-enerġija, [...]

5. kull persuna [...] li ddaħħal jew tirċievi kombustibbli fl-Iżvezja, li ġej minn Stat Membru ieħor tal-Komunità Ewropea.”

8. L-Artikolu 1a li jidher fil-Kapitolu 4 tal-LSE jipprevedi deroga għal dan il-paragrafu 5:

“It-taxxa mhijex dovuta skond l-Artikolu 1 (5), [...]

għall-karburanti mdaħħal fl-Iżvezja għall-għanijiet privati fit-tank tal-karozza, ta' vapur jew ajruplan, jew f'ċilindri ta' riżerva ta' volum massimu ta' 10 litri”.

9. L-Artikolu 6 tal-Kapitolu 1 tal-liġi dwar il-kontroll, fil-kuntest ta meta jkun dovut id-dazju tas-sisa, tat-trasport, f'operazzjonijiet oħra, ta' prodotti alkoħoliċi, ta' tabakk immanifatturat u ta' żjut minerali (iktar 'il quddiem il-“LPK”) jiddisponi:

“Prodott suġġett għad-dazju ma jista' jiġi trasportat biss jekk l-obbligi dwar id-dokument li jkun miegħu, fuq il-garanzija [sabiex ikopri l-ħlas tad-dazju], tal-prova tal-garanzija u d-dikjarazzjoni li tirriżulta mil-liġijiet imsemmija fl-Artikolu 2 jew ta' dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5a jiġu sso-disfatti.”

10. Skond l-Artikolu 1 tal-Kapitolu 5 tal-LPK, kull persuna li xjentement iddaħħal prodotti suġġetti għas-sisa fl-Iżvezja minn Stat li huwa parti miż-żona koperta bil-leġislażzjoni Komunitarja fuq is-sisa, bi ksur ta' l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 1 ta' din il-liġi, u li, b'dan il-mod, tirriskja li tikkompjika serjament l-eżerċizzju tal-kontrolli fiskali relattivi għat-trasport tal-merkanzija, għandha tiġi kkundannata, taħt l-akkuża ta' trasport illegali ta' prodotti, għal piena ta' ħabs ta' mhux iżjed minn sentejn. Il-persuna li twettaq dan ir-reat teħel multa jekk dan jitqies li huwa ħafif.

#### IV — Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11. F. Granberg qed jitqiegħed taħt akkuża mill-awtoritajiet Żvadiži talli, fis-7 ta' Diċembru 2003, daħħal fl-Iżvezja 3 000 litru żejt għat-tisħin mill-Finlandja mingħajr ma kien iddikjara minn qabel lill-uffiċċju tat-taxxi t-trasport tal-prodott in kwistjoni, mingħajr ma kkostitwixxa garanzija sabiex ikopri l-ħlas tat-taxxi dovuti u mingħajr ma kellu dokument mehmuż jew prova tal-kostituzzjoni ta' garanzija.

12. Il-prodott ġie ttrasportat fil-kompartiment ta' wara ta' vann, fi tliet reċipjenti b'kapacià ta' 1 000 litru kull wieħed. Dan il-prodott kellu jservi sabiex isaħħan id-dar bil-garaxx ta' F. Granberg u kien għaldaqstant iddestinat għall-użu personali tiegħu.

13. F. Granberg irrikonoxxa l-fatti, iżda huwa kkontesta li kkommetta ksur.

14. B'sentenza ta' l-4 ta' Mejju 2004, il-Haparanda tingorätt (il-qorti ta' l-ewwel istanza ta' Haparanda) sabet lil F. Granberg ħati ta' trasport illegali ta' prodotti suġġetti għas-sisa. F. Granberg appella minn din is-sentenza quddiem il-Hovrätten för Övre Norrland.

15. Skond din il-qorti, id-dispożizzjonijiet ta' dritt intern applikabbli kienu l-LPK u l-LSE. Kull ksur tal-LPK huwa suġġett għal proċeduri kriminali. Il-LPK tirreferi għad-direttiva.

16. Il-Hovrätten för Övre Norrland għalhekk iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 9(3) tad-direttiva [...] jagħti l-possibbiltà lill-Istati Membri li jwarrbu, b'dispożizzjoni ġenerali, iż-żejt għat-tisħin mill-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 8 tad-direttiva, b'mod li Stat Membru jkun jista' jipprevedi li individwu, peress li jkun xtara huwa nnifsu, u għall-użu tiegħu, żejt għat-tisħin fi Stat Membru ieħor, fejn l-imsemmija merkanzija tkun ġiet irrilaxxata għall-konsum, u tkun ġiet ittrasportata [...] minnu stess lejn l-Istat Membru ta' destinazzjoni, ikun marbut li jħallas id-dazju tas-sisa f'dan l-aħħar Stat, ikun x'ikun il-mod ta' kif ikun ġie ttrasportat iż-żejt għat-tisħin?

2) Jekk l-ewwel domanda jkollha risposta pożittiva, l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva [...] huwa kompatibbli mal-prinċipju ta' moviment liberu tal-merkanzija mwaqqaf bit-Trattat KE, kif ukoll mal-prinċipju ta' proporzjonalità, fid-dawl tal-fatt li l-Artikolu 9(3) tad-direttiva jidher

li għandu bħala għan li jżomm lill-individwi privati milli jittrasportaw żjut minerali, billi jipprevedi eċċezzjoni għar-regola ġenerali li tgħid illi, għall-prodotti akkwistati minn individwi privati, għall-użu tagħhom u li huma stess jittrasportaw, id-dazju tas-sisa huwa dovut fl-Istat Membru fejn il-prodott inxtara? Dan l-għan huwa kompatibbli mal-bażi ġuridika tad-direttiva invokata mill-Kunsill, jew l-Artikolu 9(3) tad-direttiva huwa illegali?

trasport atipiku, skond l-Artikolu 9(3) tad-direttiva, ikun marbut li jikkostitwixxi garanzija sabiex ikopri l-ħlas ta' dazju tas-sisa, kif ukoll li jkollu, waqt it-trasport, dokument meħmuż semplifikat u prova tal-kostituzzjoni ta' garanzija għall-ħlas tad-dazju tas-sisa?"

- 3) Jekk l-ewwel domanda tirċievi risposta negattiva, it-trasport minn individwu ta' 3 000 litru żejt għat-tiħin fi tliet reċipjenti li jissejġu komunement 'reċipjenti kbar għall-oġġetti mhux maħduma' — li jistgħu jiġu adattati għat-trasport professjonali ta' merkanzija perikoluża, b'mod partikolari taħt forma likwida —, mgħobbija fuq vann, jikkostitwixxi mod ta' trasport atipiku skond l-Artikolu 9(3) tad-direttiva [...]?

17. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza barra minn dan illi sitt kawżi oħrajn simili huma pendenti quddiemha.

#### V — L-osservazzjonijiet ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja

18. Noti ta' sottomissjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-gvernijiet Żvediż, Grieg, Taljan u Pollakk, kif ukoll mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej. Matul is-seduta, F. Granberg spjega l-pożizzjoni tiegħu.

- 4) Huwa konformi ma' l-Artikolu 7(4) tad-direttiva [...] illi Stat Membru jadotta dispożizzjoni li biha individwu, li kien akkwista hu stess, u għall-użu tiegħu, żejt għat-tiħin fi Stat Membru ieħor, fejn l-imsemmija merkanzija tkun għet irrilaxxata għall-konsum, u tkun għet ittrasportata [...] minnu stess lejn l-Istat Membru ta' destinazzjoni b'mod ta'

#### A — Fuq l-ewwel domanda

19. Il-qorti tar-rinviju ssaqsi jekk l-Artikolu 9(3) tad-direttiva jippermettix li jitwarrab il-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 8 ta' din id-Direttiva, u għalhekk jissuġġetta għall-ħlas

tad-dazju tas-sisa, fl-Istat Membru ta' konsum, it-trasport kollu, minn Stat Membru għal ieħor, imwettaq minn individwu privat, ta' żejt għat-tisħin akkwistat għall-użu tiegħu.

20. Skond il-gvern Pollakk, il-Kunsill u l-Kummissjoni, l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva ma jagħtix din il-possibbiltà b'mod ġenerali.

21. Il-Kummissjoni tispjega illi huwa biss meta l-mod ta' trasport ikun atipiku illi s-sisa tista' tkun dovuta fl-Istat membru ta' destinazzjoni. Bil-kontra, jekk il-mod ta' trasport jista' jitqies li huwa normali, is-sisa ma tistax tinġabar fl-Istat Membru ta' destinazzjoni. B"modi ta' trasport atipiċi", fis-sens ta' l-Artikolu 9(3) tad-direttiva, għandu jinftiehem kull mod ta' trasport, barra xi wħud, li huma ppreċiżati. It-tieni sentenza tad-dispożizzjoni tippreċiża barra minn hekk li d-deroga li hija tipprevedi mhijiex applikabbli meta l-karburanti jiġi ttrasportat fit-tank tal-karozza jew meta jiġi ttrasportat f'ċilindri ta' riżerva apposta. It-tielet sitwazzjoni, li tirrigwarda din il-kawża, tikkonċerna t-"trasport ta' prodotti likwidi għat-tisħin barra mill-mezz ta' tankers użati għan-nom ta' negozjanti professjonali."

22. Il-Kunsill iżid illi peress illi l-Artikolu 9(3) tad-Direttiva jikkostitwixxi deroga għar-

regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv. Jekk ir-rieda tal-leġiżlatur Komunitarju kienet li tippermetti l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 8 tad-direttiva t-trasport kollu taż-żjut minerali minn individwi privati, kien jesprimi dan b'mod ċar. F'dan il-każ, it-test ta' l-Artikolu 9(3) tad-direttiva ma kienx ikollu t-tieni sentenza u jkun jaqra kif ġej:

"L-Istati Membri jistgħu wkoll jipprovdu li d-dazju tas-sisa għandu jsir dovut fl-Istat Membru ta' konsum fuq l-akkwist ta' żjut minerali diġà rrilaxxati għall-konsum fi Stat Membru ieħor jekk dawk il-prodotti jiġu ttrasportati minn individwi privati."

23. Bil-kontra, il-gvernijiet ta' l-Iżvezja, tal-Greċja u ta' l-Italja jikkunsidraw illi l-Istati Membri jistgħu jeskludu t-trasport kollu minn individwi privati ta' żjut minerali mill-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 8 tad-direttiva u għaldaqstant li jirrendu s-sisa fuq dawn il-prodotti eżiġibbli fl-Istat membru ta' destinazzjoni.

24. Skond il-gvern Żvediż, ma teżisti, skond l-Artikolu 9(3) tad-direttiva, l-ebda possibbiltà għal individwu privat li jittrasporta żjut minerali b'mezz ta' trasport tipiku, peress li individwu privat ma jistax jittrasporta dan il-

prodott f' tankers f' isem negozjanti professjonali, ħaġa li timplika b'hekk il-possibbiltà, għall-Istati Membri li jkunu jridu hekk, li jitneħħa dan il-prodott mill-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 8 tad-direttiva.

25. Dawn it-tliet gvernijiet jispjegaw barra minn hekk li din il-possibbiltà ta' esklużjoni hija marbuta man-natura partikolari taż-żjut minerali li m'għandhomx normalment jiġu ttrasportati minn individwi privati, għal raġunijiet ta' sigurtà u ta' ħarsien ta' l-ambjent.

27. Fir-rigward ta' l-ewwel parti tad-domanda, il-Kummissjoni tqis, b'mod partikolari, illi l-Artikolu 9(3) tad-direttiva huwa konformi mal-prinċipju tal-moviment ħieles tal-merkanzija u tiċċita, f'dan ir-rigward, il-punt 32 tas-sentenza tas-17 ta' Ġunju 2003, *De Danske Bilimportører*, li jgħid: “[G]ħandu jittfakkar illi l-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 28 KE ma jinkludix ix-xkiel msemmi minn dispożizzjonijiet speċifiċi oħrajn u li x-xkiel ta' natura fiskali jew ta' effett ekwivalenti għal dazji tad-dwana msemmija fl-Artikoli 23 KE, 25 KE u 90 KE ma jaqgħux taħt il-projbizzjoni ta' l-Artikolu 28 KE”<sup>4</sup>. Il-Kummissjoni tenfasizza wkoll illi l-Artikolu 9(3) tad-direttiva ma jpoġġix fid-dubju l-moviment ħieles tal-merkanzija peress illi, kif hija spjegat fir-risposta għall-ewwel domanda, tippermetti lill-individwi privati li jittrasportaw, għall-użu tagħhom, karburanti għat-tisħin b'eżenzjoni tas-sisa meta jużaw “mod ta' trasport mhux atipiku”.

## B — Fuq it-tieni domanda

26. Fil-każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, il-qorti tar-rinviju ssaqsi, minn naħa, jekk l-Artikolu 9(3) tad-direttiva huwiex kompatibbli mal-prinċipji tal-moviment ħieles tal-merkanzija u ta' proporzjonalità, u min-naħa l-oħra, jekk l-għan li jipprekludi individwi privati milli jittrasportaw żjut minerali billi jiġbru d-dazju tas-sisa, b'deroga għar-regola ġenerali stabbilita mill-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, fl-Istat Membru ta' konsum, huwiex kompatibbli mal-bażi ġuridika tad-direttiva.

28. F'dak li jikkonċerna t-tieni parti ta' din id-domanda, il-Hovrätten för Övre Norrland, fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, tispjega illi d-direttiva tirreferi b'mod partikolari għall-Artikolu 93 KE<sup>5</sup>, li ma jidherx li jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri intiżi li

4 — C-383/01, Ġabra p. I-6065.

5 — Skond dan l-Artikolu, “[i]l-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta tal-Kummissjoni u wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandu jadotta dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni ta' leġiżlazzjoni li tittratta dwar taxxi fuq it-turnover, dazju tas-sisa u forom oħra ta' tassazzjoni indiretta daqs kemm din l-armonizzazzjoni tkun neċessarja biex tiżgura l-istabbilitment u l-operazzjoni tas-suq intern fiż-żmien stipulat fl-Artikolu 14.”

jsaħħu s-sigurtà tat-trasport, meta, skond rapport tal-Kummissjoni, l-Artikolu 9(3) tad-direttiva huwa intiż li jipprevjeni r-riskji marbuta mat-trasport privat ta' żjut minerali<sup>6</sup>. Il-qorti tar-rinviju tqiegħed b'hekk id-domanda dwar il-validità ta' din id-dispożizzjoni.

29. Skond il-gvernijiet Grieg u Taljan, kif ukoll il-Kunsill, l-Artikolu 9(3) tad-direttiva huwa validu. Jekk wieħed iqis li l-Artikolu 9(3) ta' din id-direttiva jieħu in kunsiderazzjoni l-eżiġenzi marbuta mas-sigurtà tat-trasport, dan ma jkunx ħliet għan aċċessorju b'relazzjoni ma' l-għan prinċipali ta' natura fiskali tad-direttiva. Skond il-ġurisprudenza, l-att għandu jkun ibbażat fuq il-bażi ġuridika relattiva għall-għan prinċipali tat-test.

30. Il-gvernijiet Żvediż u Grieg jispjegaw barra minn dan illi l-armonizzazzjoni fiskali mwettqa mid-direttiva fuq is-sisa hija biss parzjali. Dawn, essenzjalment, jikklassifikaw il-prodotti skond kunsiderazzjonijiet oġġettivi, jiddefinixxu l-kundizzjonijiet ta' eżiġibbiltà, jorganizzaw sistema ta' moviment tal-prodotti suġġetti għas-sisa, jistabbilixxu l-bażi ta' taxxa tas-sisa u jiffissaw rati minimi.

6 — Il-qorti tar-rinviju tirreferi għar-rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 7 sa 10 tad-direttiva 92/12 [COM(2004) 227 finali].

### C — Fuq it-tielet domanda

31. Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, il-qorti tar-riniju tistaqsi jekk it-trasport minn individwu privat ta' 3 000 litru żejt għat-tisħin fi tliet reċipjenti mgħobbija fuq vann jikkostitwixxix mod ta' trasport atipiku fis-sens ta' l-Artikolu 9(3) tad-direttiva.

32. Il-gvern Pollakk, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu li dan it-trasport huwa atipiku. Il-gvernijiet Grieg u Żvediż ma jqisux li huwa utli, minħabba r-risposti li huma għamlu għad-domandi preċedenti, li jirrispondu għal din id-domanda. F. Granberg ma kkummenta xejn.

### D — Fuq ir-raba' domanda

33. B'din id-domanda, l-imsemmija qorti tistaqsi jekk l-Artikolu 7(4) tad-direttiva jippermettix lil Stat Membru jeżiġi minn individwu privat, li jittrasporta minn Stat Membru għal ieħor, għall-użu tiegħu, żejt għat-tisħin b'mod ta' trasport atipiku, il-kostituzzjoni ta' garanzija li tkopri l-ħlas ta' dazju tas-sisa u li jkollu, waqt dan it-trasport, dokument meħmuż semplifikat.

34. Il-Kummissjoni tispjega illi l-Artikolu 7 (1) tad-direttiva, li jiddefinixxi l-prodotti kkonċernati bl-Artikolu 7(4) ta' din id-direttiva, isenmi biss il-prodotti "miżmuma għal għanijiet kummerċjali". Għaldaqstant, l-Artikolu 7(4) tad-direttiva ma jikkonċernax il-prodotti akkwistati għall-użu tiegħu.

35. Il-Kummissjoni tirreferi, barra minn hekk, b'mod partikolari għall-punt 23 tas-sentenza tat-2 ta' April, EMU Tabac *et*<sup>7</sup> li jgħid illi "jirriżulta mit-tielet, mill-ħames, mis-sitt u mit-tmien premessi [illi] d-direttiva stabbilixxiet distinzjoni bejn, minn naħa, il-merkanziji li huma miżmuma għal skopijiet kummerċjali u li t-trasport tagħhom għandu jkollhom magħhom dokumenti u, min-naħa l-oħra, il-merkanziji miżmuma għal skopijiet personali".

36. Il-Kummissjoni żżid illi jekk Stat Membru għandu d-dritt jiġbor is-sisa konformement ma' l-Artikolu 9(3) tad-direttiva għandu wkoll id-dritt li jirrikorri għal strumenti ta' kontroll sabiex jivverifika sew li s-sisa tħallset, dan id-dritt ma jistax jirriżulta mill-Artikolu 7(4) ta' din id-direttiva.

37. Bil-kontra, skond il-gvernijiet Żvediż u Pollakk, jirriżulta mill-Artikolu 9(3) tad-direttiva illi kull trasport atipiku huwa

magħmul għal skopijiet kummerċjali. Dawn il-gvernijiet iqisu li individwi privati m'għandhomx jittrasportaw żejt għat-tisħin u li, għalhekk, kull trasport ta' żejt għat-tisħin, anki dak imwettaq minn individwu privat għall-użu tiegħu, għandu jitqies li huwa ta' natura kummerċjali, u għaldaqstant ikun suġġett għall-obbligi ta' l-Artikolu 7(4) ta' din id-direttiva.

## VI — Osservazzjonijiet preliminari

38. Kienu kbar id-diffikultajiet ta' armonizzazzjoni tad-dazju tas-sisa fuq iż-żjut minerali, kemm għall-importanza tal-prodotti in kwistjoni għall-ekonomija ta' l-Istati Membri kif ukoll għaliex il-prodotti in kwistjoni (petrol, diesel, karburanti, pitrolju, etc.) għandhom rabtiet fil-qrib u kbar ma' linji ta' politika oħrajn.

39. B'mod parallel mad-Direttiva tal-Kunsill 92/81/KEE, tad-19 ta' Ottubru 1992, dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tad-dazju tas-sisa fuq iż-żjut minerali<sup>8</sup>, id-direttiva in kwistjoni f'din il-kawża stabbilixxiet regoli proprji li jorganizzaw is-sistema fiskali ta' skambji ta' prodotti suġġetti għas-sisa fi spazju mingħajr fruntieri interni.

7 — C-296/95, Ġabra p. I-1605.

8 — ĠU L 316, p. 12.

40. L-Artikolu 8 tad-direttiva jqiegħed il-prinċipju ġenerali li jgħid illi s-sisa fuq il-prodotti akkwistati minn individwu privat, għall-użu tiegħu u ttrasportati minnu stess, għandha tkun dovuta fl-Istat membru ta' akkwist.

ħieles tal-merkanziji<sup>10</sup> li ma kienx jeżisti qabel id-direttiva u li ma kienx jeżisti iktar wara t-nehħija ta' din id-dispożizzjoni.

41. L-Artikolu 9(3) tad-direttiva jħalli l-possibbiltà lill-Istati membri li jidderogaw, taħt ċerti kundizzjonijiet, minn dan il-prinċipju, billi jiddisponu li s-sisa tkun dovuta fl-Istat membru ta' konsum.

## VII — Kunsiderazzjonijiet

### A — Fuq l-ewwel domanda

42. Madankollu, din id-dispożizzjoni tista', fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, tintehħa<sup>9</sup>.

44. Ir-risposta għall-ewwel domanda tas-sumi qari attent ta' kull terminu użat fl-Artikolu 9(3) tad-direttiva, li għandu jinqara ma' l-Artikolu 8, li jipprevedi illi, għal prodotti akkwistati minn individwi privati, għall-użu tagħhom u ttrasportati minnhom stess, “[i]d-dazju tas-sisa għandu jkun dovut fl-Istat membru li fih [il-prodotti] ikunu ġew akkwistati”.

43. Minkejja dan, fl-istat attwali tad-dritt pożittiv, għandu jiġi applikat l-Artikolu 9(3) tad-direttiva b'mod litterali, għalkemm din l-applikazzjoni tfisser xkiel għall-moviment

45. L-Artikolu 9(3) tad-direttiva jipprevedi eċċezzjoni għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 8, li tgħid li “[l]-Istati Membri jistgħu wkoll jipprovdu li d-dazju tas-sisa għandu jsir dovut fl-Istat membru ta' konsum fuq l-akkwist ta' żjut minerali ġa rrilaxxati għall-

9 — Abbozz ta' Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 92/12 [COM(2004) 227 finali]. Skond dan l-abbozz “L-Artikolu 9(3) huwa mneħħi. Il-Kummissjoni mhijiex konvinta mill-bżonn li żżomm dispożizzjoni fiskali li tippermetti lill-Istati Membri li jidderogaw mill-prinċipju ġenerali ta' moviment ħieles applikabbli għall-moviment magħmul minn individwi privati. Jekk problema ta' sigurtà tista' teżisti fis-suġġett tat-trasport ta' żjut minerali, ir-rikors għal dispożizzjoni li tidderoga mill-prinċipju ċitat iktar 'il fuq mhijiex tan-natura li twassal għal soluzzjoni ġuridika sodisfaċenti ta' l-imsemmija problema. Il-fatt illi l-leġislazzjoni nazzjonali jew Komunitarja tissuġġetta t-trasport minn żjut minerali għall-ħarsien ta' sigurtà stretta ħafna, għandu jkun kompletament mhux konness mill-prinċipju ta' tassazzjoni li għandu jiġi riżervat lil dan il-moviment. Jekk ċerti regoli ta' sigurtà mhumiex imħarsa, għandu jiġi kkonstatat ksur iżda l-konstatazzjoni ta' dan fl-ebda każ ma jkollha effett fis-suġġett tas-sisa”.

10 — Iktar u iktar meta individwu privat li jħallas is-sisa fl-Istat membru ta' akkwist, skond l-Artikolu 8 tad-direttiva, u li jintalab iħallas sisa fl-Istat membru ta' konsum għaliex jaqa' fl-ipoteżi ta' l-Artikolu 9(3) ta' din id-direttiva ma jkunx jista' jibbenefika mis-sistema għall-ħlas lura fil-każ tat-taxxa doppja prevista fl-Artikolu 22 tad-direttiva peress li dan ta' l-aħħar ma jagħtix din il-possibbiltà, iktar u iktar f'kundizzjonijiet iktar stretti, ħliel “fuq talba ta' negozjant fil-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu”.

konsum fi Stat membru ieħor jekk dawk il-prodotti jiġu trasportati b'modi ta' mezzi ta' trasport atipiċi minn individwi privati jew għan-nom tagħhom”<sup>11</sup>.

46. Issa, għandu jiġi enfasizzat illi l-Artikolu 9(3) jagħti definizzjoni tal-kunċett ta' “mod ta' trasport atipiku” li tgħid li “għandu jfisser it-trasport ta' karburanti barra minn f'tankijiet ta' vetturi jew f'kontenituri addattati ta' riżerva ta' karburanti u t-trasport ta' prodotti likwidi għat-tisħin barra mill-mezz ta' tankers użati għan-nom ta' negozjanti professjonali.”

47. B'hekk, l-Artikolu 9(3) tad-direttiva jagħti definizzjoni a contrario tat-“trasport atipiku”. Huwa “trasport tipiku”, minn naħa, it-trasport ta' karburanti f'tankijiet ta' vetturi jew f'kontenituri addattati ta' riżerva ta' karburanti u, min-naħa l-oħra, it-trasport ta' prodotti likwidi għat-tisħin f'tankers użati f'isem negozjanti professjonali.

48. Kull trasport li ma jidhox f'dawn il-kategoriji ta' “trasport tipiku” huwa “trasport atipiku”.

49. Meta l-leġiżlatur qiegħed il-kundizzjoni ta' “trasport atipiku”<sup>12</sup> sabieh iħalli lill-Istati Membri l-possibbiltà li jidderogaw għall-prinċipju ġenerali ta' l-eżiġibbiltà tas-sisa, huwa evidenti illi l-leġiżlatur fehem li din il-possibbiltà ma tkunx miftuħa għat-trasport atipiku biss. Dan l-argument huwa iktar imsaħħaħ bil-fatt li l-leġiżlatur iddefinixxa dak li jfisser dan il-kunċett ta' “trasport atipiku”.

50. Il-gvern Żvediż isostni li ma teżisti ebda possibbiltà għal individwu privat li jittrasporta ż-żejt għat-tisħin b'mod ta' trasport tipiku, peress li individwu privat ma jistax jittrasporta żejt għat-tisħin f'tankers f'isem negozjanti professjonali, u jqis għalhekk li l-Istati Membri ma jistgħux jeskludu t-trasport kollu minn individwi privati ta' żjut minerali mill-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 8 tad-direttiva.

51. Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat. Peress illi l-Artikolu 9(3) tad-direttiva jikkostitwixxi deroga għar-regola ġenerali stabilita mill-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, huwa għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv<sup>13</sup>.

12 — L-Artikolu 9(3) tad-direttiva jppreċiża sew li “jekk dawk il-prodotti jiġu trasportati b'modi ta' mezzi ta' trasport atipiċi”.

13 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Diċembru 1995, *Oude Luttikhuis et (C-399/93)*, Għabra p. I-4515, punt 23; tat-18 ta' Jannar 2001, *Il-Kummissjoni vs Spanja (C-83/99)*, Għabra p. I-445, punt 19), u tat-12 ta' Diċembru 2002, *Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-5/01)*, Għabra p. I-11991, punt 56).

11 — Din l-eċċezzjoni tidher ċara. Issa, skond il-massima, *interpretatio cessat in claris*.

52. B'hekk, anki jekk ma teżistix il-possibbiltà għal individwi privati li jittrasportaw żejt għat-tisħin b'mod "tipiku"<sup>14</sup>, għandha tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda, jiġifieri li l-Istati Membri ma jistgħux, b'dispożizzjoni ġenerali, iwarbu ż-żejt għat-tisħin mill-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 8 tad-direttiva, fil-każ ta' trasport minn individwu privat għall-użu tiegħu, peress illi ma jistax jagħmel hekk ħlief fil-każ ta' trasport atipiku.

55. Għalhekk, jidher inkontestabbli li t-trasport minn individwu privat ta' 3 000 litru żejt għat-tisħin fi tliet reċipjenti mgħobbija fuq vann jikkostitwixxi mod ta' trasport atipiku, fis-sens ta' l-Artikolu 9(3) tad-direttiva.

#### B — Fuq it-tieni domanda

53. Peress illi l-ewwel domanda ħadet risposta negattiva, m'għandux ikun hemm lok għal risposta għat-tieni domanda.

#### D — Fuq ir-raba' domanda

56. Kif spjegat il-Kummissjoni, l-Artikolu 7 (1) tad-direttiva jiddefinixxi l-prodotti kkonċernati bl-Artikolu 7(4) ta' din id-direttiva. Jirrigwarda biss il-prodotti "miżmuma għall-għanijiet kummerċjali".

#### C — Fuq it-tielet domanda

54. Jirriżulta mit-termini ta' l-Artikolu 9(3) tad-direttiva li kull trasport ta' prodotti għat-tisħin likwidu li mhuwiex magħmul "[minn] tankers użati għan-nom ta' negozjanti professjonali" għandu jitqies li huwa mod ta' trasport atipiku.

57. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet illi d-Direttiva stabbilixxiet, kif jirriżulta, ukoll, b'mod partikolari mill-ħames u s-sitt premessi tagħha, distinzjoni bejn, minn naħa, il-prodotti li huma miżmuma għal skopijiet kummerċjali u li fit-trasport tiegħu għandu jkollu meħmuż dokumenti u, min-naħa l-oħra, il-prodotti miżmuma għal skopijiet personali u li t-trasport tiegħu ma jeħtieġ ebda dokument<sup>15</sup>.

14 — Barra minn hekk wieħed jista' jżid li, per eżempju, il-kiri minn individwu privat ta' tanker b'xufer sabiex jiġi ttrasportat żejt għat-tisħin akkwistat għall-użu tiegħu jidher li jidħol fid-definizzjoni ta' "trasport tipiku".

15 — Sentenza tat-23 ta' Novembru 2006, Joustra (C-5/05, Ġabra p. I-11075, punt 28).

58. Konsegwentement, l-Artikolu 7(4) tad-direttiva ma jidherx li jikkonċerna l-prodotti akkwistati għall-użu proprju u ma jistax għalhekk iservi ta' bażi ġuridika għall-eżiġenża, minn Stat Membru, tal-kostituzzjoni

ta' garanzija għall-ħlas tad-dazju tas-sisa u ż-żamma, waqt it-trasport, ta' prova ta' din il-kostituzzjoni fil-każ tat-trasport ta' dawn il-prodotti.

## VIII — Konklużjoni

59. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru qabel, qed jiġi propost lill-Qorti tal-Ġustizzja li d-domandi magħmula mill-Hovrätten för Övre Norrland jitwieġbu kif ġej:

“1) L-Artikolu 9(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE, tal-25 ta' Frar 1992, dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 92/108/KEE, ta' l-14 ta' Diċembru 1992, ma jagħtix il-possibbiltà lill-Istati Membri li jwarrbu, b'dispożizzjoni ġenerali, iż-żejt għat-tiħin mill-kamp ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 8 ta' din id-direttiva, b'mod li Stat Membru jkun jista' jiddisponi li individwu privat, li jkun akkwista hu stess, u għall-użu tiegħu, żejt għat-tiħin fi Stat Membru ieħor, fejn l-imsemmija merkanzija tkun ġiet irrilaxxata għall-konsum, u li jkun ittrasporta huwa stess lejn l-Istat Membru ta' destinazzjoni, ikun marbut iħallas id-dazju tas-sisa f'dan l-aħħar Stat, ikun x'ikun il-mod kif il-żejt għat-tiħin jkun ġie ttrasportat.

2) Fid-dawl tar-risposta negattiva għall-ewwel domanda, mhuwiex neċessarju li titwieġeb it-tieni domanda.

- 3) It-trasport, minn individwu, ta' 3 000 litru żejt għat-tisħin fi tliet reċipjenti mgħobbija fuq vann jikkostitwixxi mod ta' trasport atipiku skond l-Artikolu 9(3) ta' l-imsemmija direttiva.
  
- 4) L-Artikolu 7(4) ta' l-imsemmija direttiva mhuwiex applikabbli fil-każ ta' trasport, minn individwu privat, ta' żejt għat-tisħin li jkun akkwista hu stess, għall-użu tiegħu, fi Stat Membru, fejn l-imsemmija merkanzija tkun ġiet irrilaxxata għall-konsum, u li jkun ittrasportah huwa stess lejn l-Istat Membru ta' destinazzjoni skond mod ta' trasport atipiku, fis-sens ta' l-Artikolu 9(3) ta' din id-direttiva.”